MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Numru. 980/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Etienne John Scicluna ta' 38 sena, iben Spiridione u Dolores nee` Zahra, imwieled Pieta` nhar il-25 ta' Frar, 1971, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 134271M u residenti gewwa 83, Triq Alessio Erardi, Zabbar**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat u cioe:

1. Fl-20 ta' Settembru, 2009, ghal habta ta' bejn is-06:00hrs u 06:45hrs, gewwa Triq Alessio Erardi, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara

f'vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAF882 ta' ghamla Puegeot, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.46 Euros (hamsin Lira Maltin) ghad-dannu ta' missieru Spiridione Scicluna detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 125346(M);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebb ghall-persuna ta' missieru Spiridione Scicluna u ommu Dolores Scicluna minghajr ma darabhom;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel hedded lil missieru Spiridione Scicluna bil-mewt;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel, gab ruhu b'tali mod li kkaguna biza lil missieru Spiridione Scicluna u ommu Dolores Scicluna li ser tintuza vjolenza, meta kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat storbju u glied;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

8. U aktar talli fl-isess data, hin, lok u cirkostanzi kien fi stat ta' sokor u ma kienx f'pozizzjoni illi jiehu hsieb tieghu innifsu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda fuq kollox il-problema tal-vizzju tax-xorb li ghandu l-imputt li qed iwassal ghal dan l-agir irresponsabbli u bla kont.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 95, 339(d)(e), 251B, 338(dd(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qort qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Proabtion ghal zmien tlett snin mil-lum b'ordni illi huwa jiehu l-kura ghall-problema li ghandu tal-alcohol.

Illi l-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li jsegwi l-ordnijiet mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation .

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 il-Qorti qed tordna li tibqa' fis-sehh l-ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Spiridione u Dolores Scicluna b'dan illi l-hati ma ghandu bl-ebda mod jibqa' jirresjedi fir-residenza ta' ommu u missieru u m'ghandu ghall-ebda raguni javvicinahom u dan ghal zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------